MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 2232/2003/1

**Carmel Muscat**

**vs**

**Antoine Coppola**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' Settembru, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' Lm753.77c (seba' mija u tlieta u hamsin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu) rapprezentanti danni wara ncident tat-traffiku kif imsemmi fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn ighid li ma kienx responsabbli ghal dan l-incident.

Ra r-*Road Accident Report* fejn l-attur qal:

“He was proceeding along Triq il-Fortizza, Mosta towards Ta’ Alla w Ommu when he saw a car registration number CAT 918 coming from the opposite in a very high speed and bumped him on the fuel tank on the right hand side and caused the above mentioned damages to his van.”

Fl-istess *Road Accident Report* il-konvenut qal:

“He was coming from it-telgha Ta’ Alla w Ommu towards Mosta and when he was few metres from a side road namely Triq l-Arkati, Mosta a grey car registration number unknown emerged from this side road and all of sudden he applied the brakes and he hit the van EBA 609.”

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema’ x-xhieda ta’ Carmel Muscat fejn qal li kien qed isuq fuq in-naha tax-xellug fit-Triq il-Fortizza fid-direzzjoni tat-telgha Ta’ Alla w Ommu. Kien hemm il-mara tieghu bhala *front seat passenger*. Muscat ighid li ra vettura gejja fid-direzzjoni opposta bi speed qawwi u f’mument minnhom l-istess vettura tilfet il-kontroll u bdiet sejra min-naha ghall-ohra tat-triq. Ighid ukoll li meta ra l-vettura l-ohra gejja, hu gibed fuq ix-xellug u waqaf izda xorta laqtet il-vettura tieghu. Il-vettura CAT 918 halliet *brake marks* ta’ sitta u tletin metru (36m). B’rizultat tad-daqqa l-vettura ta’ Muscat inqalbet fuq il-bankina. Jghid ukoll kemm meta sar u anke wara l-incident mar kemm-il darba d-dar tieghu ghaliex iddispjacieh ta’ l-incident u ammetta. Jikkonferma li fuq il-lemin tieghu qabel ma sar l-incident ra karozza wieqfa fejn is-*side road*. Fl-ebda hin ma ra din il-karozza hierga minn din is-*side road*.

Sema’ x-xhieda ta’ Pauline Muscat fejn tikkonferma li qal Carmel Muscat.

Sema' x-xhieda ta' Publius Cutajar fejn qal li huwa kien xhud ta' dan l-incident u li qabel l-incident ma kien jaf l-ebda wiehed mill-partijiet. Huwa qal li fil-mument ta' l-incident huwa kien sejjer fid-direzzjoni Ta' Alla w Ommu u kien quddiem il-vann ta' l-attur. Ighid li l-attur kien qed isuq bil-mod fuq ix-xellug u f'hin minnhom sema' vettura gejja mill-oppost bi brejk qawwi. Jghid illi ra li l-attur waqaf qabel il-habta izda l-konvenut habat fih u l-vann inqaleb.

Sema' x-xhieda ta' Lily Cutajar, il-mara ta' Publius Cutajar, fejn tikkonferma li qal l-istess Publius Cutajar.

Sema' x-xhieda ta' PC 142 Robert Borda fejn jikkonferma r-*Road Accident Report* u l-iskizz kif ukoll il-*brake marks* ta' sitta u tletin metru (36m) li halliet il-vettura tal-konvenut. Ighid li ma setax jiehu kejl tal-wisa' tat-triq kollha minhabba t-traffiku.

Sema' x-xhieda ta' Henry Grech li huwa *Deputy Claims Manager* ma' Rausi Insurance fejn ighid li mar *on site* wara li saret il-*claim* u ha xi kejl tal-wisa' tat-triq. Il-wisa' tat-triq kienet ta' ghaxar metri (10m). Jikkonferma li t-triq hija mharbta ftit fis-sens li hija *bouncy*.

Sema' x-xhieda ta' Antoine Coppola fejn ighid li kien sejjer lejn il-Mosta u f'hin minnhom ra karozza hierga minn go *side street* fuq in-naha tax-xellug tieghu u bbrekja. Jghid li hu baqa' jitkaxkar u sab il-vann ta' l-attur. Ighid ukoll li l-attur beda jcempillu u jeddu u ghalhekk mar ghandu fejn kien qallu li l-*claim* hallasha u jekk hu stess kellu tort kien lest li jaccettah. Jichad li accetta t-tort ta' l-incident. Coppola jghid li kien ghaddej b'hamsa u sebghin kilometru fis-siegha (75kmph). Ma jiftakarax kemm kienet 'il boghod il-vettura li kienet hierga mis-*side street* u m'ghandux idea jekk laqatx il-vettura ta' l-attur fuq in-naha hazina tat-triq.

Mill-iskizz u mix-xhieda tal-partijiet jirrizulta li l-konvenut tilef il-kontroll tal-vettura tieghu meta kien ghaddej bi speed ta' hamsa u sebghin kilometru fis-siegha (75kmph) u habat fil-vettura ta' l-attur meta l-attur kien fuq in-naha

tieghu tat-triq. Illi l-konvenut donnu jrid ighid li mhux responsabbli minhabba vettura ta' terz.

Illi fill-gurisprudenza taghna huwa *ben akkolt* illi:

"Il-konvenut ma jista' jaddebita l-ebda htija fuq terz meta jonqos li jsejjah lil tali persuna fil-kawza." *(Richard Fenech Vs Rook Construction Limited et Prim' Awla tal-Qorti Civili 03/10/2003)*.

Illi kif intqal fl-istess sentenza citata *"Richard Fenech Vs Rook Construction Limited et":*

"Mhux possibbli li tigi stabbilita, b'ebda mod vinkolanti jew sigur, il-parti tar-responsabbilta' ta' min ma jkunx parti fil-kawza, jekk kien hemm, u ghandu jkun applikat l-Artikolu 1050 tal-Kodici Civili. Jekk il-konvenut ma setax sejjah lil dan it-terz fil-kawza ghax ma jafux, m'hu ebda tort ta' l-atturi u, fil-fehma tal-Qorti, jekk xi hadd ghandu jbati minn dan il-fatt, jidher wisq aktar gust li jbati l-konvenut li kellu zgur parti mill-htija, milli l-atturi li qed jitolbu r-riparazzjoni ghat-telf soffert minnhom."

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm753.77c (seba' mija u tlieta u hamsin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu) bl-ispejjez kontra tieghu."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti, in linea principali, ir-revoka taghha, jew, alternattivament, li ssir varjazzjoni taghha billi ssib lill-kontendenti responsabbli ugwalment;

Il-kontestazzjoni tieghu tikkonsisti fis-sottomissjoni illi t-Tribunal, aktar milli strah fuq ix-xhieda okulari, messu ta aktar importanza fuq il-fatti oggettivi u, cjoe, l-iskizz u l-hsarat fuq il-vettura ta' l-attur. Huwa jikkontendi, b' aggravju iehor, illi d-difiza tieghu kienet cirkoskritta ghall-fatt li l-attur invada l-karreggjata tieghu u mhux fuq dik tat-terz injot. Dejjem fil-fehma tieghu l-habta grat ghax il-vettura ta' l-attur kienet vicinissima lejn nofs it-triq. Hemm

imbaghad, skond hu, il-prova ta’ fejn sehhet id-daqqa fuq il-karozza ta’ l-attur. Anke dan ghalih kien dimostrattiv tal-fatt li qabel l-iskontru l-vettura ta’ l-attur kienet fin-nofs tat-triq u mdawra thares lejn ix-xellug taghha;

Din il-Qorti ezaminat kif jixraq ir-rizultanzi istruttorji ta’ dan il-kaz u fid-dawl tal-provi prodotti, anke dawk oggettivi rekordjati fl-iskizz, u mir-*res gestae* tal-kaz, hi tal-konvinciment li l-konkluzjoni tat-Tribunal relattiva ghar-responsabilita` ta’ l-iskontru hi wahda sostenibbli, kemm mill-provi kif ukoll mill-principji tad-dritt applikabbli;

Mill-attijiet tal-kaz qed jigu individwati dawn l-aspetti l-aktar sinifikattivi:-

(1) L-attur jghid li kien qed isuq fuq ix-xellug tat-triq meta mid-direzzjoni opposta, bi *speed* qawwi, ra l-vettura tal-konvenut tibbrekja, titlef il-kontroll, tisbanda minn naha ghall-ohra, u finalment tolqtu fuq genb tieghu hdejn il-*fuel tank.* Bl-impatt il-karozza tieghu inqalbet fuq il-bankina. Ara deposizzjoni tieghu a fol. 44. F’ dan hu sostenut minn martu Pauline Muscat (fol. 46) u l-koppja Publius u Lilie Cutajar (fol. 48 u fol. 49) li kienu f’ dak il-mument isegwu l-vettura ta’ l-attur;

(2) Skond il-versjoni tal-konvenut (fol. 56) dan jghid li kien gej mit-triq ta’ Alla u Ommu fid-direzzjoni tal-Mosta u kif gie biex idur ra karozza hierga minn *side street*. Applika l-*brake* u baqa’ jitkaxkar u gie konfrontat mill-vettura ta’ l-attur li kienet tielgha. Hu jghid li rah jitfa’ fuq in-naha tal-genb u baqa’ diehel go fih. Jistqarr li hu bbrejkja minhabba l-karozza li allegatament harget mis-*side street* u mhux minhabba l-vettura ta’ l-attur;

(3) Il-konvenut jaccetta li kien qed isuq bi *speed* ta’ 75 kilometru fis-siegha u li l-vettura tieghu halliet *brake marks* ta’ 36 metru;

Fermi dawn il-fatti, l-appellanti jinvita lill-Qorti biex tiskarta x-xhieda u toqghod esklussivament fuq il-prova oggettiva ta' l-iskizz u tad-daqqa. Minnhom hu jasal ghar-rizultat illi l-attur kien qed isuq fin-nofs tat-triq jekk mhux ukoll fuq in-naha hazina tat-triq;

Ma jkunx inopportun jekk, in vista ta' din is-sottomissjoni, jigu registrati qabel xejn dawn l-enuncjazzjonjiet sottratti mill-gurisprudenza:-

1. "Hu veru illi r-regolamenti tat-traffiku jippreskrivu illi d-*driver* ta' karozza ghandu jzomm max-xellug nett tat-triq; izda hu logiku li wiehed ma japplikax dak ir-regolament b' mod inflessibbli ghal kull xorta ta' lokalita` ghax jista' jkun hemm lokalitajiet li fihom ma hemmx bzonn li dak ir-regolament jigi osservat *ad unguem*" - "**Il-Pulizija -vs- Temi Zammit**", Appell Kriminali, 13 ta' Jannar 1962 (**Vol. XLVI P IV p 762**);

2. "Il-fatt li *driver* kien isuq minflok fuq ix-xellug tat-triq kif iridu r-regolamenti, fuq il-*crown of the road*", ma hux deciziv ghas-soluzzjoni tal-kwestjoni liema *driver* kien fi htija ta' kollizjoni li tigri" - "**Il-Pulizija -vs- Anthony Galea**", Appell Kriminali, 5 ta' Settembru 1953 (**Kollez. Vol. XXXVII P IV p 1137**);

3. "Sewwieq ta' karozza li jkun fuq in-naha hazina tat-triq mhux necessarjament hu responsabbli ghal kollizjoni jekk l-agir tieghu ma jkunx ta lok ghal kollizjoni" - **Kollez. Vol. XLVII P II p 966**;

Is-suesposti enuncjazzjonijiet baqghu jigu applikati u adottati saz-zmenijiet ricenti. Ara a propozitu sentenzi fl-ismijiet "**Dr. Louis Bianchi *nomine* -vs- Roberta Patiniott**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997, "**Cecil Ellul -vs- Joseph Muscat**" Appell, 6 ta' Ottubru 1999 u "**Lawrence Caruana -vs- Anthony Falzon**", Appell, 5 ta' Ottubru 2001;

Dan premess, jokkorri li jigi determinat x' kienet il-kawza prossima li waslet ghall-incident. Issa apparti mill-konsiderazzjoni supplita mill-appellat fir-risposta ta' l-appell tieghu illi mid-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenut *a tempo debito* (ara rapport ta' l-incident a fol. 13) imkien ma jinghad mill-konvenut illi l-attur kien qed isuq ghan-nofs tat-triq jew fuq in-naha hazina tat-triq, ankorke dan kien il-kaz ma jidherx illi b' daqshekk it-tort tal-kollizjoni kien inevitabilment dan il-fatt assunt mill-appellant, izda mhux ukoll provat. Mill-assjem tal-provi, kemm dawk mistqarra mix-xhieda kif ukoll mill-apprezzament oggettiv ta' l-iskizz, huwa lampantement ovvju illi l-*causa causans* li tat lok ghas-sinistru ma kienetx l-allegata non-konformita` mar-regolamenti da parte ta' l-attur izda pjuttost l-antecedenti sewqan veloci u errat tal-konvenut li ma kellux ghal kollox il-kontroll pjen tal-vettura b' mod li seta' jarresta l-vettura tieghu tempestivament anke kieku stess kien rinfaccjat bl-emergenza krejata lilu minn karozza li allegatament harget minn *side street*. Element dan zmentit mill-attur appellat. Fil-fehma tal-Qorti kien dak l-istess sewqan veloci u mprudenti li kien il-fattur determinanti li pprovoka l-incident;

Jekk jigi accettat dak rakkontat mill-attur illi hu kien wieqaf qabel l-incident huwa lecitu li jinghad li l-konvenut bla ebda gusitifkazzjoni ta' dinamika stradali baqa' diehel f' karozza wieqfa. Kif drabi ohra ntqal "l-i*speed* eccessiv jinnewtralizza dak il-'*margin of safety*' tant necessarju ghal kull emergenza li tista' tinqala" (**Kollez. Vol. XLVI P IV p 883**). Fil-kontingenzi li kien jinsab fihom, u mir-rikostruzzjoni tad-dinamika ta' l-incident, kombacjat mad-deposizzjoni ta' l-istess konvenut din il-Qorti ftit ghandha dubji li velocita eccessiva kien hemm. Dan hu desumibbli mill-mod kif spiccat il-vettura tal-konvenut fuq l-iskizz li jidher li daret wahda sew. Hemm, imbaghad, ukoll l-impatt qawwi mal-vettura ta' l-attur tant li qalibha. Anke dan hu konfacjenti ma' velocita` zejda;

Kollox ma' kollox, mill-provi prodotti ghal din il-Qorti la jezistu dubji u lanqas incertezzi illi l-konvenut kien unikament fi htija ghall-incident. Prova din li giet

sodisfacentement stabbilita mhux biss mid-deposizzjonijiet ta' l-attur appellat u tax-xhieda minnu prodotti izda hi korroborata wkoll minn dak li xehed l-istess konvenut appellanti, l-iskizz, il-*brakemarks* u d-daqqa fuq il-vettura ta' l-attur. Il-kwestjoni ma hijiex wahda *sic et sempliciter* ta' *res ipsa loquitur*. Dan ghaliex mill-ispjegazzjoni tal-fatti l-kawza ezatta ta' l-incident hi maghrufa u fuq dawn il-fatti l-kolpa tal-konvenut tinsab sew pruvata;

L-appellanti jistieden lill-Qorti tezamina jekk kienx hemm element ta' kontributorjeta da parte ta' l-attur. Jinsab insenjat illi "il-kwestjoni jekk kienx hemm *contributory negligence* ma tistax tigi deciza fuq supposti principji aprijoristici, jew regoli fissi, izda skond principji tas-sens komun, ghad li, bla dubju, meta tista' tingibed linja cara ta' demarkazzjoni, in-negligenza posterjuri hi l-unika wahda li ghandha tigi konsiderata" (**Kollez. Vol. XLIV P I p 185**). Fil-kaz taht konsiderazzjoni din il-Qorti ma ssibx illi ghal habta kkontribwiet anke il-htija ta' l-attur b' xi kontravvenzjoni tieghu. Huwa la kkontribwixxa ghal mod tas-sewqan tal-konvenut, l-applikar tal-*brakes* minhabba xi ostakolu li hu stess ikkreja lill-konenut u wisq anqas allura ta okkazjoni ghad-danni li sofra. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti takkolji l-proposta, suggerita wkoll mill-konvenut fit-talba tieghu lil din il-Qorti, biex din tiddistribwixxi l-htija fuq iz-zewg konducenti.

Ghal dawn il-motivi, l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza jitbatew mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------